MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 1161/2011

**Oliver u Yvonne konjugi Agius**

**vs**

**Bank of Valletta plc**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-22 ta' Novembru 2011 l-atturi qeghdin jitolbu dikjarazzjoni li l-atti tal-bejgh bl-irkant numru 53/2010AE huma nulli ghaliex:-

i. It-talba biex jinbieghu oggetti li nghataw b'rahan mill-atturi ma setghetx tintlaqa' qabel id-debitur, f'dan il-kaz Marisa Spiteri, tkun notifikata b'kopja tar-rikors li Bank of Valletta plc ipprezenta fil-25 ta' Ottubru 2010 bi dritt ta' twegiba fi zmien tlett (3) ijiem. Dan kif jiddisponi l-Artikolu 1970(2) tal-Kodici Civili. Mill-atti tal-bejgh bl-irkant ma jirrizultax li Spiteri giet notifikata.

ii. Fir-rikors promotur prezentat fl-atti tal-bejgh bl-irkant gie premess li l-bank hu kreditur tal-atturi *fl-ammont*

*ta‘ miljun, tmint elef mija u mija u ghoxrin euro u erba centezmi (€1,008,120.04) bilanc ghad-debitu fil-Loan Accounts ta‘ Maria Isabella sive Marisa Spiteri mas-socjeta esponenti li ghalihom Oliver u Yvonne mizzewgin Agius iggarantew flimkien in solidum ma‘ l-esponenti id-debiti ta‘ l-istess Maria Isabella sive Marisa Spiteri mas-socjeta Bank of Valletta plc*.

Permezz ta’ twegiba guramentata prezentata fid-29 ta’ Dicembru 2011, Bank of Valletta plc wiegeb:-

1. It-talba tal-atturi hi nulla ghaliex m’hijiex preceduta minn talba biex il-qorti tiddikjara liema nuqqas fl-atti tal-irkant, skond l-atturi, jwassal ghan-nullita mixtieqa minnhom.
2. L-ewwel ilment gie sanat f’xi zmien u ghalhekk it-talba tal-atturi ghandha tigi michuda.
3. In-nuqqas ta’ notifika lil Marisa Spiteri ma jgiebx ghan-nullita ta’ Marisa Spiteri, izda li s-subbasta ma ssirx sakemm issir tali notifika.
4. Is-subbasta hi biss ghall-bejgh tal-pegno u xejn aktar. Kull argument dwar somom ulterjuri li jippretendi l-bank huwa rrilevanti.
5. L-atturi jafu li huma debituri tal-bank f’somom ohra ta’ flus inkluzi dawk li ghalihom gew kundannati permezz ta’ sentenzi tal-qorti, kif jigi spjegat waqt is-smiegh tal-kawza.

**<u>Fatti</u>**.

Mill-atti tal-bejgh bl-irkant jirrizulta li:-

1. Permezz ta’ skrittura datata 26 ta’ Jannar 1999 l-atturi taw b’rahan lill-Bank of Valletta plc mobbli. Dawn qeghdin iservu bhala garanzija ghad-dejn li Marisa Spiteri ghandha mal-bank. Fl-iskrittura jinghad: *‘I/we hereby pledge to you as security for all amounts (including expenses, interest and other charges) which the said client may from time to time become indebted to you, and for any liability that may arise by the said client, the goods described overleaf.’*.
2. B’rikors prezentat fil-25 ta’ Ottubru 2010 Bank of Valletta plc talab il-bejgh bl-irkant ta’ mobbli li nghataw lilu b’rahan mill-atturi. Mobbli li jinkludu muniti antiki, curkett, djamanti, katina u broach.

3. L-Artikolu 1970 tal-Kodici Civili tipprovdi li talba ghall-bejgh tal-oggetti mirhuna ssir b'rikors li ghandu jigi notifikat **lid-debitur**.

4. Permezz ta' rikors prezentat fit-22 ta' Novembru 2011, il-konjugi Agius talbu s-sospensjoni tal-bejgh bl-irkant ghaliex kontestwalment ipprezentaw il-kawza li qeghda tigi deciza b'din is-sentenza. B'digriet tal-5 ta' Dicembru 2011, il-qorti laqghet it-talba minhabba li n-nota li l-bank ipprezenta fid-29 ta' Novembru 2011 u li biha ssospenda l-irkant.

**<u>Eccezzjoni Preliminari</u>**.

B'riferenza ghall-ewwel eccezzjoni jinghad li din hi bla bazi. It-talba li saret mill-atturi biex il-qorti tiddikjara null il-bejgh bl-irkant numru 53/2010 hi bazata fuq il-premessi li hemm fir-rikors guramentat. L-ilment taghhom huma cari. Fil-fehma tal-qorti ma kienx hemm htiega li fit-talba jissemmew espressament l-ilmenti, gialadarba li dawn jissemmew fil-premessi tar-rikors guramentat. Fit-talba li saret huma impliciti l-ilmenti li jissemmew fit-tielet, raba', hames u sitt paragrafu. F'dan il-kuntest ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Marzu 1996 fil-kawza **Ivor Zammit et vs Michael Zammit Tabona et** (1178/1991)[1].

**<u>Fil-Meritu</u>**.

Fil-fehma tal-qorti dawn il-proceduri saru inutilment u bla bzonn qeghdin itawwlu l-andament tal-bejgh bl-irkant, meta tqies:-

1. L-atturi setghu facilment talbu li l-qorti tordna li Marisa Spiteri tigi notifikata bir-rikors prezentat fil-25 ta' Ottubru 2010. Notifika li ma kienet ser twassal imkien, kif ikkonstat mill-qorti mid-deposizzjoni ta' Marisa Spiteri fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2011. Il-konjugi Spiteri stess iddikjaraw li m'humiex f'qaghda finanzjarja li jhallsu d-dejn li ghandha Marisa Spiteri. Dan apparti li rrizulta wkoll li l-konjugi Spiteri kienu jafu li l-bank beda proceduri gudizzjarji sabiex jinbieghu b'irkant taht is-setgha tal-qorti l-oggetti mirhuna, pero jsostnu li l-istat ta' insolvenza li jinsabu fih ma jippermettilhomx li jithallas id-dejn.

2. Jekk il-konjugi Agius kellhom interess li tigi notifikata Marisa Spiteri bir-rikors ghall-bejgh bl-irkant, ma kien

[1] Ara wkoll sentenza ta' din il-qorti (Imhallef T. Mallia) fil-kawza **Francis Debono et vs Peter Leonard Nind et** (1062/2002) deciza fid-19 ta' Ottubru 2007.

hemm xejn milli jzommhom li huma stess jaghmlu tali notifika, jew ghallinqas permezz ta' rikors li jipprezentaw fl-atti tal-bejgh bl-irkant jitolbu li l-qorti tordna n-notifika tar-riors tal-25 ta' Ottubru 2011 lil Marisa Spiteri qabel isir il-bejgh.

3. Minn qari tal-provvedimenti dwar ir-rahan, il-qorti m'hijiex tal-fehma li kien hemm xi htiega li Marisa Spiteri tigi notifikata bir-rikors tal-25 ta' Ottubru 2012. Il-konjugi Agius jikkwalifikaw ukoll bhala debitur. Hekk per ezempju:-

*"1974* ***Id-debitur jibqa' sid il-haga mirhuna*** *sakemm ma tigix lilu mnehhija l-proprjeta taghha."*.

*"1979* ***Id-debitur ma jistax jitlob ir-radd tar-rahan*** *sakemm ma jkunx hallas ghal kollox il-kapital, l-imghaxijiet u l-ispejjez tad-dejn li ghalihom ir-rahan ikun suggett."*.

*"1980* ***Il-kreditur jista', bil-kunsens tad-debitur, jaghmel uzu mir-rahan,*** *bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 1977 jekk il-kreditur jaghmel xi qligh minn dak l-uzu."*.

Dawn huma provvedimenti li fil-fehma tal-qorti jikkonfermaw li meta rahan jinghata minn terza persuna, ghall-finijiet tal-provvediment dwar il-bejgh bl-irkant tar-rahan (Artikolu 1970 tal-Kodici Civili), dik it-terza persuna bhala s-sid tal-oggetti hi debitur. Bla dubju hu s-sid tal-oggetti li ghandu l-interess principali li jigi notifikat b'rikors ghall-bejgh bl-irkant tar-rahan, gialadarba t-talba hi ghall-bejgh ta' hwejgu.

4. F'kull kaz permezz ta' twegiba prezentata fl-1 ta' Dicembru 2011 mill-Bank of Valletta plc wara r-rikors tal-konjugi Agius tat-22 ta' Novembru 2012, il-bank iddikjara: *"B'nota gja prezentata aktar kmieni llum, l-esponenti ghaddie biex issospendiet l-atti ta' din is-subbasta, sabiex tkun tista' ssir tali notifika lid-debitrici Marisa Spiteri."*. Fil-fatt b'nota prezentata fid-29 ta' Novembru 2011 il-bank iddikjara li qieghed *"tissospendi temporanjament is-subbasta fl-ismijiet fuq imsemmija"*. Dan ifisser li l-ilment tal-konjugi Agius kien, qabel giet appuntata l-kawza ghas-smiegh, diga' m'ghadux floku gialadarba l-bank issospenda l-irkant u ddikjara li ser jinnotifika lil Marisa Spiteri bir-rikors ghall-bejgh bl-irkant. B'danakollu, minkejja dak li ddikjara l-bank il-konjugi Agius zammew

ferm l-ewwel ilment (ara paragrafi 3 u 4 tar-rikors guramentat).
5. Il-premessa li saret fir-rikors tal-25 ta' Ottubru 2010, ghalkemm tista' ma tkunx ezatta, ma twassalx ghan-nullita' tal-proceduri tal-bejgh bl-irkant. Il-premessa ma fiha l-ebda rabta in kwantu hi sempliciment dikjarazzjoni unilaterali li saret mill-Bank of Valletta plc. Ghalkemm il-qorti laqghet it-talba sabiex isir il-bejgh bl-irkant tar-rahan, b'daqshekk ma kenitx qeghda taghti decizjoni fir-rigward tal-ewwel premessa tar-rikors prezentat fil-25 ta' Ottubru 2010. Inoltre, wiehed irid jifhem l-ewwel paragrafu tar-rikors fil-kuntest tat-talba ghall-bejgh bl-irkant tar-rahan. Skond l-Artikolu 1966(1) tal-Kodici Civili:-
*'Ir-rahan jagħti lill-kreditur il-jedd li jitħallas minn fuq il-ħaġa mirhuna bi privileġġ fuq kredituri oħra kif jingħad fit-Titolu XXIII.'*.

Kif rajna, bil-*Memorandum of Pledge* datat 26 ta' Jannar 1999 l-atturi qeghdin, bir-rahan li taw, jiggarantixxu l-hlas tal-ammonti kollha li minn zmien ghal zmien jistghu jkunu dovuti minn Marisa Spiteri. Il-bejgh tar-rahan isir biex jithallas id-dejn li ghalih ir-rahan ikun inghata, u tali dejn hu kwalsiasi ammmont li jista' jkun dovut lill-Bank of Valletta plc minn Marisa Spiteri (ara *Memorandum of Pledge*). Ghalhekk hu biss ghall-finijiet tal-bejgh bl-irkant tar-rahan, li Agius huma debituri fis-somma intjiera tal-bilanc li Marisa Spiteri trid thallas lill-Bank of Valletta plc. B'daqshekk ma jfissirx li huma garanti *in solidum* bil-gid kollu taghhom tad-dejn li ghandha Marisa Spiteri. Fatt li l-bank diga' kellu l-opportunita li jikkonferma fit-tieni paragrafu tar-risposta li pprezenta fl-1 ta' Dicembru 2011 prezentata fl-atti tal-bejgh bl-irkant.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi :-**
**1. Tichad l-ewwel eccezzjoni bl-ispejjez kontra l-Bank of Valletta plc.**
**2. Tilqa' t-tieni, tielet, raba' u hames eccezzjoni u tichad it-talba tal-atturi.**
**Billi l-qorti tqies li dawn il-proceduri saru inutilment u huma vessatorji qeghda tnehhi l-ghajnuna legali li kienu nghataw l-atturi b'digriet tat-22 ta' Gunju 2011 (Artikolu 923[3] tal-Kap. 12) sabiex issir din il-kawza.**

**Spejjez a karigu tal-atturi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------